

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 591/2009

tat-8 ta' Lulju 2009

li jiffisa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni applikabbli għat-talbiet għal liċenzji għall-importazzjoni mressqa mis-26 ta' Ġunju sat-3 ta' Lulju 2009 fil-kuntest tal-kwota tariffarja Komunitarja mwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 969/2006 fir-rigward tal-qamħirrum

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli rregolati minn sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 ⁽³⁾ fetax kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' 242 074 tunnellata qamħirrum (numru tas-serje 09.4131).
- (2) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006 ffissa għal 121 037 tunnellata l-kwantità tas-subperjodu nru 2 għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2009.
- (3) Min-notifika konformi ma' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006, jirriżulta li l-applikazzjonijiet imressqa mis-26 ta' Ġunju 2009 mis-13:00 sat-3 ta' Lulju

fis-13:00, ħin ta' Brussell, skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament imsemmi, jaqbu l-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi determinat sa liema limitu jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, filwaqt li jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (4) Jeħtieġ ukoll li ma jinħarġux liċenzji ta' l-importazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 969/2006 għall-perjodu kurrenti tal-kwota,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kull applikazzjoni għal liċenzja ta' l-importazzjoni ta' qamħirrum fil-kuntest tal-kwota msemmija fir-Regolament (KE) Nru 969/2006, imressqa mis-26 ta' Ġunju 2009 mis-13:00 sat-3 ta' Lulju fis-13:00, ħin ta' Brussell, tagħti lok għall-ħruġ ta' liċenzja għall-kwantitajiet mitluba assenjati skond il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni ta' 4,394504 %.

2. Il-ħruġ ta' liċenzji għal kwantitajiet mitluba fit-3 ta' Lulju 2009 fis-13:00, ħin ta' Brussell, huwa sospiż għall-perjodu kurrenti tal-kwota.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44.